# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar, SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 7 ta' 2024, miżmuma nhar il-13 ta' Mejju 2024, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fil-hamsa u nofs ta' filgħaxija.

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | President | |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Anne Marie M Fenech Adami | Naxxar LC | Viċi President |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Stephan Cordina | Attard LC | Membru |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC (online) | Membru |
| • Chris Grech | Mosta LC (online) | Membru |

Agent Segretarju Eżekuttiv – Kristina Camilleri

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| • Angelo Micallef | Ħal Balzan LC | Membru |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC | Membru |



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

**Agenda**

1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Komunikazzjoni tal-President;
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilleri;
5. Korrispondenza;
6. Rapporti;
7. Aġġornament dwar l-Ambjent;
8. Aġġornament dwar Fondi ta' EU;
9. Aġġornament dwar l-Iskart;
10. Affarijiet oħra ta' xogħol ieħor tal- Kunsill Lokali li jkunu meħtiega';
11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
12. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet fis-17:50 mill-President, is-Sur Clifford Galea.

Il-President fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## - 1 Qari t' Apoloġiji

Il-President Clifford Galea nforma li l-membri s-Sur John Buttigieg u s-Sur Angelo Micallef talbu li jiġu skużati, filwaqt li s-Sur Trevor Fenech assenti peress li ma bagħat ebda talba t'apoloġija.

## - 2 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-President Clifford Galea staqsa jekk raw il-minuti 6 li seħħet 22 ta' April 2024.
Il-President Clifford Galea ippropona l-minuti ta' laqgħa numru 6. Is-Sna Anne Marie Muscat Fenech Adami issekonda il-mozzjoni.
Il-membri qablu unanimament.

## - 3 Komunikazzjoni tal-President

**3.1 Ritorn ta' Laptop -** Il-President Clifford Galea għamel referenza għat-talba fejn is-Segretarju Eżekuttiv preċedenti s-Sur George Abdilla talab biex izomm il-laptop għal xahar sal-11 ta Mejju 2024 fejn wara informa li se jiltaqa miegħu fil-15 ta' Mejju sabiex jaddieħ.

**3.2 Bnadar l-ittra bil-Marixxall** - Il-President Clifford Galea informa l-membri li tlabna linja gwida mingħand l-avukat għal direzzjoni l-quddiem u dalgħodu intbagħtet l-ittra bil-marixxall.

**3.3 Bank** - Il-President Clifford Galea informa l-membri li l-firmatori inqalbu dalodu w issa se jaddu l-pagamenti. Jonqos l-aħħar pass fejn fl-aħħar tal-ġimgħa se tiġi rikjest għal credit card ġdida bid-detalji korretti.

**3.4 Expression of interest -** Il-President Clifford Galea semma li qed tiġi preparata expression of interest sabiex titranġa l-entratura tar-Reġjun peress li hemm il-madum qed jitkisser u anki l-ispazju jista jitqassam aħjar.

Alfred Grima daħal online fis-17:58

Chris Grech daħal online fis-18:00

**3.5 Proċedura ta’ Riklamar** - Il-President Clifford Galea informa l-membri li se jadatta proċedura sabiex tiġi formolata lista ta’ talbiet meta VO tibgħat rikjest għal riklamar fil-attivitajiet / ktejjeb taħhom, l-ammont miftiehem huwa ta mhux aktar min €200. Għalekk Il-President Clifford Galea propona, is-Sna Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

**3.6 Ktieb -1942 Malta on the Brink -** Il-President Clifford Galea informa l-membri li se jingħataw żewġ kopji kull membru, wieħed għal Kunsill u l-ieħor għal-librejiji reispettivi taħhom.

**3.7 Servizz ta’ Perit Komuni** - fil-laqgħat preċedenti ġie msemmi li jkona sevizz ta Perit komuni u Il-President Clifford Galea spjega li se nibdew niġbru l-informazzjoni neċessarji sabiex jinħoloq framework. Għalekk Il-President Clifford Galea propona li tibda l-ħidma Kyle Mifsud issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

**3.8 Culture Fund** – Il-President Clifford Galea fakkar l-membri fuq l-fond ta €20,000 fejn jistgħu jintnefqu għal attivitajiet fil-qasam ta l-Arti u l-Kultura, u għaldaqstant ġie mitlub li r-Reġjun jingħata spjegazzjoni ta’ kif ser jintnefqu biex jkun hemm proċedura. Fakkar ukoll li din tiskadi f’ Novembru 2024.

**3.9 Applikazzjonijiet għal-postijiet Vakanti** - **Board ta l-inteviews** - Il-President Clifford Galea informa l-membri li dikjara kunflitt ta interess u fiċ-ċikostanzi jrid jinħatar membru ieħor floku. Idiskutew u ġie deċiż li l-Membri tal-Bord huma s-Sna Anne Marie Muscat Fenech Adami, is-Sur Paul Vella, u s-Sur Kyle Mifsud.

**3.10 Arts Council** – il-President informa l-membri fuq Reġional Cultural Coordination Programme fejn se jadilom kopja tal-komunikazzjoni.

## - 4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

**4.1 Social Impact Assestment Report ( SIA ) -** Is-Sur Alfred Grima - enfasizza li l-parti fejn tikkonċerna lill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar ma għandiex tiġi ppubblikata diment li r-Reġjun Tramuntana ma jirċiviex konferma mill-istess Kunsill bil-miktub jew b’xorta oħra. Fl-opinjoni tiegħu. Ir-rapport ma jista qatt jasal għall-konkluzzjonijiet tajba minħabba diversi nuqqasijiet. Il-President Clifford Galea informa li fadal nirċievu l-emenda tar-rapport. Dan għandu joħroġ għal wara Ġunju.

**4.2 Skart** - Is-Sur Alfred Grima **-** rigward il-bdil fil-ġurnata tal-ġbir ta' ħġieġ - Il-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar għal darba oħra qed jiddikjara li ma jaqbilx bl-ebda mod li terġa tinbidel l-iskeda tal-ġbir. Is-Sur Stephan Cordina talab rimedlu u suġġerixxa li meta jingabar il-ħġieġ jinġabar ukoll il-kartoon permezz ta truck li jkollu seperator.

**4.3 Tenders -**

- Is-Sur Alfred Grima staqsa dwar it-tender ta’ xogħolijiet marbuta ma bankini u tiswijiet żgħar infrastrutturali li baqa ma nħarigx minkejja li ilna snin li approvajna biex jinħareġ. Ġie diskuss li se jittieħed il-framework li ħargu l-Public Works u nuzawħ bħala linja gwida.
- Tender ta’ l-Accountant ġie mitlub li minħabba ċ-ċirkustanzi ta handover u informazzjoni mhux kompluta se nkomplu nużaw is-servizzi tas-San Romina Perici Ferrante għal sena. Għalekk Il-President Clifford Galea propona l-mozjoni, ġie ssekondat minn Paul Vella. Il-membri qablu unanimament.
- CCTV – fakkarna l-membri li d-Dipartiment tal-Kuntratti għadom jistennew numru ta’ Kunsilli jibagħtu fejn jridu is-CCTV, mingħir din l-informazzjoni t-Tender ma jistax jitkompla l-proċess tiegħu.
- Street Lighting – Se nagħmlu komunika ma’ Galea Curmi sabiex jinfumana fiex wasal il-proċess ta’ Streetlighting Tender.

## - 5 Korispondenza

Peress li ma kienx hemm korispondenza l-President Clifford Galea għadda għall-item li jmiss.

## - 6 Rapporti

Peress li ma kienx hemm Rapporti l-President Clifford Galea għadda għall-item li jmiss.

## - 7 Aġġornament dwar l-Ambjent
## - 8 Aġġornament dwar Fondi ta’ EU

Is-Sur Bjorn Bonelo prepara preżentazzjoni fejn spjega li l-Ambjent u EU Projects miżewġin flimkien. Ressaq u preżenta proposti fejn ħafna mil-proġetti ta l-Ambjent, il-fondi qed jiġu mil-fondi ta l-EU. Huwa enfasizza l-ħtieġa għall-kooperazzjoni, kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tar-riżorsi biex l-impatt u l-effiċjenza tal-isforzi fl-indirizzar ta l-isfidi ambjentali jissarfu b’mod posittiv għal-benifiċċju tal-komunitajiet. Fost min dawn l-inizzjativi li ħadem fuqhom huma

- **Rural Youth of Europe** fejn il-ħidma konsistiet min kollaborazzjoni ma’ żgħażaħ oħra, ħidma f'tim u preżentazzjonijiet, taħdit pubbliku u online, Cleanup f’San Pawl il-Baħar u isarraf ukoll f’promozzjoni tar-Reġjun Tramuntana f'pajjiżi oħra u fi Brussell. Spjega li hemm il-possibilita li dan il-proġett jiġi estiż peress li kien ta success.
- **Blue Green** huwa proġett ieħor fejn qed jipromwovi eżerċizzju u s-saħħa permezz ta' eżerċizzju fin-natura, trawwim tal-motivazzjoni u l-benessri madwar. L-iskop huwa l-individwi anzjana u inattivi norganizzawlhom eżerċizzju / attivitajiet fi spazji naturali / trails jew żoni tal-baħar.
- **Synergies Horizon** huwa proġett fuq maniġjar ta diżastri naturali. Il-Parti tar-Reġjun Tramuntana jista jitqies bħala proġett pilota fejn jiprepara lil Malta f’kaz li jsir terremot. Għalekk qed jsiru laqgħat ma partijiet interessati b’kollaborazzjoni mal-komunita u l-iskejjel. Qed issir riċerka u possibilment aġġornament tal-Mappa Ġeoloġika kif ukoll edukazzjoni u għarfien lill-komunita fuq protokol, hekk xi darba dan jseħħ.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

- **INTELLIGENT CITIES CHALLENGE** jtina ħafna informazzjoni u kunċetti mingħand esperti ta kif nistaw nimplimentaw soluzzjonijiet li jkunu sostenibbli f’lokalitajiet Urbani u anki Rurali. Dan il-proġett ma fiehx fondi pero jiftaħ ħafna opportunitajiet ta konsulenza , informazzjoni fuq studji u networking sabiex nkunu nistaw napplikaw għal proġetti ta l-Unjoni Ewropea

**Tree Planting** - Ħeġġeg lil-membri sabiex jiprovdu l-identifikazzjoni ta’ siti addattati għat-tħawwil tas-siġar sabiex jitnaqas l-effett tal-carbon footprint.

Fost proġetti oħra li qedin fi stadju ta’ applikazzjoni u qed nipreparaw ruħna biex jekk jiġu approvati nipateċipaw fihom iżjed il-quddiem huma; Interreg Italia Malta - Second Life for Waste, Horizon - Mobility Infrustructure of People and Logistics, Interreg Italia Malta -Speaking and Making Urban Community Together (SABIR), Interreg Italia/Sicilia Malta -Storja fuq Tourism Flows, Blue Culture Technology Excellence Hubs BCT HUBS (SCH) Underwater Cultural Heritage, Dwejra Lines - Impetus Malta Chamber of Scientists, ERASMUS – Cooperation partnerships in Youth, EU Ambassadors, BOOST Decarbonization processes SMEs in the food chain,

Barra minn hekk, ħeġġeġ lil membri kollha biex jimpenjaw ruħhom u jikkollaboraw b'mod attiv mar-Reġjun Tramuntana fuq inizjattivi u proġetti potenzjali.
Enfasizza l-importanza tal-ġbir tad-data u l-evalwazzjoni tar-riżorsi disponibbli fejn din hija kruċjali sabiex jittiehdu deċiżjonijiet infurmativi u b’hekk l-istrateġiji jkunu effettivi.

## - 9 Aġġornament dwar l-iskart

**Invoices u credit notes ta l-iskart -** Aderemi Baderinwa spjega u suġġerixxa li jkun hemm pjan ma kull lokalita ta kif l-invoices se jitħalsu. Huwa lest biex jassisti fl-indirizzar ta l-isfida li jinstabu fiha l-Kunsilli Lokali, u lest li jiltaqa mas-Segretarji Eżekutivi tal-Kunsilli Lokali rispettivi sabiex tigi indirizzata din l-isfida.
**Recipjenti ta’ l-iskart** - Għaraf li r-Reġjun Tramuntana xtara numru ta wheel bins għal self meta l-Kunsilli Lokali jkollohm bżonn iżjed kontenituri ta l-skart f’attivitajiet speċjalment meta dalwaqt ħa jibda l-istaġun tal-festi.

## - 10. Affarijiet oħra ta’ xogħol ieħor tal- Kunsill Lokali li jkunu meħtiega’dwar l-iskart

Il-President Clifford Galea ppreżenta Token ta ringrazzjament lil membri tal-ħidma u partieċipazzjoni taħhom fir-Reġjun Tramuntana.

## - 11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Il-President Clifford Galea ppreżenta l-iskeda 175.
Wara li l-membri raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati l-President Clifford Galea ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat. Is-Sna Anne Marie Muscat Fenech Adami issekonda l-mozzjoni. Il-membri l-oħra qablu unanimament.

- **12. Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

  Il-President Clifford Galea għalaq il-laqgħa fis-sebgha u nofs ta’ filgħaxija. Wara li unanimament kien hemm qbil, li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis 27 ta’ Ġunju 2024 fil-ħamsa u nofs ta’ filgħaxija.

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| ______________________________ | ______________________________ |
| Clifford Galea Vella | Kristina Camilleri |
| President | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum, il-Ħamis 27 ta’ Ġunju 2024.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt